MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**DR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 176/2010

**Il-Pulizija**

**Kontra**

**Svetlana Mallia.**

Il-Qorti

1. Rat l-akkuża miġjuba mill-Pulizija Esekuttiva kontra Svetlana Mallia, bint Carmelo Dimech u Josephine nee Chicop, imwielda tal-Pieta' fis-6 ta' Novembru, 1985 u li għandha l-karta tal-identita' bin-numru 579085(M) talli b'diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, għax-xhur ta' Jannar u Frar 2010 meta hekk ordnata mill-Qorti jew marbuta bil-kuntratt biex tagħti aċċess lil Clinton Mallia għal uliedhom irrifjutat li tagħmel hekk mingħajr raġuni xierqa.

2. Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 t'April, 2010, li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li semgħet ix-xhieda prodotti, sabet lill-appellanta ħatja skond l-artikoli 338(ll) u 18 tal-Kap 9 u kkundannata ġimgħa detenzjoni.

3. Rat ir-rikors tal-appell tal-imsemmija Svetlana Mallia ppreżentat fil-21 t'April, 2010 li permezz tiegħu talbet li din l-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberaha minn kull imputazzjoni u piena skond il-Liġi u li sussidjarjament u mingħajr preġudizzju jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi timponi sanzjoni aktar ekwa fiċ-ċirkostanzi.

4. Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti li kienet ippreżentata seduta stante.

5. Rat iż-żewġ aggravji tad-difiża – wieħed fuq il-mertu u l-ieħor fuq il-piena.

6. Semgħet lil Clinton Mallia (ID 388681M) jgħid li m'għandux oġġezzjoni li ma jibqgħux id-detenzjonijiet (a) ta' xahar u (b) ta' ġimgħa imposti fit-12 t'April, 2010 f'żewġ sentenzi separati mogħtijin mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għaliex l-istess Clinton Mallia m'għandu ebda interess li l-akkużata tmur il-ħabs.

7. Rat il-verbal li fih id-difiża illimitat l-appell tagħha għat-tieni aggravju biss u talbet lill-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel aggravju.

8. Rat li l-Avukat Ġenerali rrimetta ruħu.

9. Il-Qorti fehmet lill-akkużata li hi kellha timxi skruplożament mad-digriet mogħti mill-Qorti u, li sakemm dan id-digriet ma jinbidilx, hija kellha tagħti aċċess tat-tfal lill-missier fil-ħinijiet indikati mill-Qorti. Għaldaqstant il-Qorti qed tilqa' t-tieni aggravju.

Għal dawn il-motivi:

10. Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18 u 338(ll) tal-Kap 9, qed tiddeċiedi li tirriforma s-sentenza appellata ( 12 t'April, 2010 fl-ismijiet premessi), billi tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellanti ġimgħa detenzjoni u minflok qed tammoniha ai fini tal-artikolu 7(2)(ċ) tal-Kap 9 waqt li qed tikkonfermaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellanti nstabet ħatja.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------